MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-20 ta' Ottubru, 2021

Appell Numru 18/2020 LM

**Kostadin Kostadinov (K.I. nru 21031A)**
*('l-appellat')*

***vs***

**Joseph Muscat (K.I. nru. 265072M)**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Joseph Muscat (K.I. nru 265072M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], minn lodo arbitrali mogħti fit-22 ta' April, 2020, [minn issa 'l quddiem 'il-lodo arbitrali'], mit-Tribunal tal-Arbitraġġ [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fiċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta'

Malta [minn issa 'l quddiem 'iċ-Ċentru'] fl-atti tal-Arbitraġġ numru M5716/2019, li permezz tiegħu ddeċida t-talba tar-rikorrent **Konstadin Kostadinov (K.I. nru 21031A)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] kif ġej:

*"**Deċiżjoni***

*L-Arbitru għar-raġunijiet fuq esposti qiegħed jiddeċiedi dan l-arbitraġġ billi jiddikjara lill-intimat Joseph Muscat bħala l-persuna unikament responsabbli għall-inċident awtomobistiku li ġara f'Tower Road, Sliema fis-17 t'April 2018 li fih kienu involuti il-vettura Nru JCC 617 misjuqa mir-rikorrent Konstadin Kostadinov u il-bus Nru 131 misjuqa mill-intimat Joseph Muscat.*

*Billi ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni pretisi mir-rikorrent l-Arbitru qiegħed jillikwida d-danni fl-ammont ta' €721.99 (seba mija u wieħed u għoxrin euro u disa' u disgħin ċenteżimu).*

*L-Arbitru qiegħed jikkundanna lill-intimat Joseph Muscat biex iħallas lir-rikorrent Konstadin Konstadinov l-ammont ta' €721.99 (seba' mija u wieħed u għoxrin euro u disa' u disgħin ċenteżmu) u qed ukoll jikkundannah iħallas l-ispejjeż kollha ta' dan l-arbitraġġ kif ukoll l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali tal-14 ta' Marzu 2019 kif ukoll l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali mibgħuta a tenur tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*L-Arbitru qed ukoll jikkundanna lill-istess Joseph Muscat sabiex iħallas lir-rikorrenti l-interessi legali fuq l-ammont li ġie likwidat mill-14 ta' Marzu 2019 sad-data tal-effettiv pagament".*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw inċident awtomobilistiku [minn issa 'l quddiem "l-inċident"] li seħħ fis-17 ta' April, 2018 fi Triq it-Torri, Tas-Sliema, bejn il-vettura tal-għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni JCC 617 proprjetà u misjuqa mill-appellat, u x-xarabank tal-għamla King Long bin-numru ta' reġistrazzjoni BUS 131 misjuqa mill-appellant iżda proprjetà ta' Malta Public Transport Services (Operations) Limited.

**Mertu**

3. L-appellat istitwixxa proċeduri ta' arbitraġġ fiċ-Ċentru permezz ta' Avviż ta' Arbitraġġ u Dikjarazzjoni ppreżentati fit-22 ta' Lulju, 2019, fejn talab sabiex l-appellant jiġi dikjarat unikament responsabbli għall-inċident inkwistjoni u għad-danni konsegwenzjali, u sabiex id-danni sofferti minnu jiġu likwidati fis-somma komplessiva ta' €721.99, liema somma l-appellant kellu jiġi kkundannat iħallas lill-appellat u dan flimkien mal-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-14 ta' Marzu, 2019 u dik ippreżentata kontestwalment, u l-imgħax mill-14 ta' Marzu, 2019 fuq is-somma ta' danni reklamati.

4. L-appellant wieġeb permezz ta' Risposta ppreżentata fiċ-Ċentru fid-9 ta' Awwissu, 2019, fejn issottometta li huwa ma kienx responsabbli għall-inċident inkwistjoni, li seħħ unikament tort u riżultat tan-negliġenza tal-appellat. Għalhekk huwa ma kellux jiġi kkundannat iħallas id-danni kif pretiżi mill-appellat, bl-ispejjeż kontra l-istess appellat.

**Il-lodo arbitrali**

5. It-Tribunal għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet fil-lodo arbitrali li wassluh għad-deċiżjoni finali:

> ***"Konsiderazzjoni ta' dritt***
>
> *Fis-seduta tal-18 t'Ottubru 2019 il-partijiet permezz tal-avukati rispettivi tagħhom iddikjaraw li l-mertu ta' dawn il-proċeduri huwa biss relattiv għar-responsabilità tal-inċident awtomobistiku u jaqblu li ma hemm l-ebda ħtieġa li ir-rapport tal-*warden *esebit fil-proċess m'għandux għafejn jiġi konfermat bil-ġurament. Il-partijiet qablu ukoll li ma hemm l-ebda kontestazzjon dwar il-quantum tad-danni.*

*In vista ta' din d-dikjarazzjoni l-kompitu tal-Arbitru f'dawn il-proċeduri huwa biss li jirrelata u jiddeċiedi dwar ir-responsabilità tal-incident u jekk l-intimat jinsab responsabbli jikkundannah iħallas id-danni li fuq il-quantum taghhom kien hemm qbil bejn il-partijiet u l-ispejjeż.*

*L-Arbitru wara li ħa in konjizzjoni l-evidenza kollha prodotta miż-żewġ partijiet irriżultalu li l-inċident tat-traffiku mertu ta' dan l-arbitraġġ ġara f'Tower Road Sliema fil-17 t'April 2018 meta l-intimat Joseph Muscat kien qed isuq il-karozza tal-linja Nru 131 fid-direzzjoni ta' San Ġiljan. L-intimat waqaf fl-istage ħdejn il-ħanut Next sabiex iniżżel u jtella' il-passġġieri. Waqt li kien qed jagħmel dan fuq fil-*lane *tan-naħa tal-lemin tiegħu kien għaddej serbut ta' vetturi li billi kien* hemm heavy traffic *dawn kienu mixjin bil-mod. Fost dawn il-vetturi kien hemm il-vettura Nru JCC 617 misjuqa mir-rikorrenti li kien qed isegwi il-vetturi l-ohra ta' quddiemu. Dawn il-vetturi kienu qed jaqbżu il-bus biex imbagħad jidħlu fil-*lane *tan-naħa tax-xellug fejn kien tinsab il-bus li kienet wieqfa sabiex jinżlu u jitilgħu l-passġġieri. Jirriżulta li kif ir-rikorrent mar jaqbeż il-bus biex jidħol fil-*lane *tax-xellug u dan wara li xegħel l-*indicator, *il-bus imxiet 'il quddiem sabiex taqla' u laqtet il-vettura tar-rikorrent. Saret tiċrita fil-vettura tar-rikorrent fuq il-bieba ta' wara tax-xellug li kienet testendi sal-kantuniera tal-bumper ta' wara.*

*L-Arbitru qagħad fuq il-versjoni tal-incident mogħtija mir-rikorrent li kien jidher ferm aktar preċiż dwar kif l-inċident ġara u li tidher aktar veritiera. Għad li fir-rapport tal-*warden *ir-rikorrent ma issemmhiex li l-bus qalgħat min fuq il-bus stop dan il-fatt huwa ammess mill-intimat fix-xhieda tiegħu meta qal li l-inċident sar propriju kif beda jaqla' minn fuq il-bus stop u jimxi bil-mod 'il quddiem. L-Arbitru huwa tal-opinjoni li meta l-intimat wara li tella' jew niżżel il-passġġieri huwa qala' minn fuq l-istage u qabad jimxi mingħajr ma ra jekk kienx hemm vetturi ġejjien min warajh jew minn ma' ġenbu li seta' jaħbat magħhom meta jaqla' minn fuq l-istage. L-intimat kien messu aċċerta ruħhu meta qala' minn fuq l-istage li ma kien hemm l-ebda vetturi ġejjien minn warajh jew minn ma' ġenbu li seta' jaħbat magħhom. Fil-fehma tal-Arbitru li l-intimat ma għamilx* a proper look out *biex jaċċerta ruħhu li ma kienux ġejjien vetturi minn warajh jew ma' ġenbu u għalhekk seta' jaqla' mingħajr ebda perikolu li seta' jaħbat magġhom. L-Arbitru ukoll eżamina il-filmat li ġie eżebit mill-intimat. Meta l-intimat waqaf fuq l-istage huwa imblokka il-lane tan-naħa tax-xellug ta' Tower Street billi din hija triq pjuttost dejqa u ma hemmx* bus bay *fejn seta' jieqaf u l-karozzi ta' warajh bdew jgħaddu minn ma' ġenbu bil-mod stante li l-*flow *tat-traffiku kienet qawwija sabiex jaqbżuh u jkomplu mexjin wara li jidħlu fil-*lane *tax-xellug fejn kienet il-bus sabiex jitgħabbew il-passiġġieri. Fil-fehma tal-Arbitru f'din is-sitwazzjoni l-intimat kien messu aċċerta ruħhu permezz tal-mera li dawk il-karozzi li kienu fil-*queue *sabiex*

*jaqbżuh ikunu kollha kemm huma għaddew u wara biss li jkunu għaddew huwa jaqla' minn fuq l-istage. L-Arbitru ħa inkonsiderazzjoni ukoll dak li xehed ir-rikorrent li wara l-inċident l-intimat skuża ruħhu miegħu u qallu li ma rahx. Din l-allegazzjoni ma ġietx miċħuda mill-intimat waqt ix-xhieda tiegħu. L-intimat kellu mera li minnha kellu viżwali fit-tul u seta' faċilment jinduna jekk it-triq kinitx libera jew le mit-traffiku sabiex seta' jaqla' minn fuq l-istage. Huwa lanqas biss induna li l-vettura tar-rikorrent kienet viċin ħafna tal-bus u induna biha wara li din ġiet quddiemu. Induna li ħabat għax qallu probabbilment xi passiġġier li kien fuq il-bus li huwa kien ħabat. L-intimat ma ċaħadx li waqt li kien fuq l-istage bdew jaqbżuh vetturi oħra. Għaldaqstant l-esponent huwa tal-fehma li l-intimat huwa unikament responsabbli għall-inċident tat-traffiku mertu ta' dan l-arbitragg."*

**<u>L-Appell</u>**

6. L-appellant ħass ruħu aggravat bid-lodo arbitrali u interpona appell fl-4 ta' Ġunju, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tħassar, tirrevoka u tikkanċella tali lodo arbitrali, filwaqt li tiddikjara li l-inċident inkwistjoni seħħ unikament tort tal-appellat u b'hekk tiċħad it-talbiet tiegħu, bl-ispejjeż kontrih. L-appellant jgħid li l-aggravji tiegħu huma s-segwenti: (a) it-Tribunal xeħet ir-responsabilità kollha tal-inċident fuqu; (b) it-Tribunal naqas milli jitlaq mill-premessa stabblilita li l-oneru tal-prova kien jaqa' fuq is-sewwieq tal-vettura li kienet qiegħda tagħmel is-sorpass, fejn jiġi allegat li sewwieq tal-vettura ta' quddiemu kien negliġenti, u b'hekk ikkawża l-inċident; (ċ) it-Tribunal naqas li jikkonsidra li r-responsabbiltà li jintwera li l-manuvra ta' sorpass hija waħda tajba, taqa' fuq ix-xufier li jagħmel is-sorpass; u (d) ma kienx jirriżulta li l-appellant kien naqas milli jżomm *a proper lookout*.

**<u>Ir-Risposta</u>**

7. L-appellat għażel li ma jweġibx.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant fid-dawl tal-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet magħmula mit-Tribunal fil-lodo arbitrali.

9. L-appellant isostni li t-Tribunal xeħet fuqu r-responsabbiltà kollha tal-inċident inkwistjoni minħabba żewġ fatturi li huma (a) il-verżjoni li ta l-appellat kienet tidher "*ferm aktar*" preċiża dwar kif seħħ l-inċident u li din kienet *"tidher aktar veritiera";* u (b) qies li l-appellant ma żammx *a proper lookout* meta ġie biex jaqla'. L-appellant jagħmel riferiment għall-filmat meħud minn fuq il-CCTV kif jidher fuq il-CD esebita fl-atti tal-arbitraġġ, u jgħid li dan jagħmel prova oġġettiva u indipendenti għall-fini ta' ħtija tal-inċident inkwistjoni. Jissottometti li madankollu jidher li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra dan il-filmat bħala prova oġġettiva jew jekk ikkonsidrah, naqas li jagħtih piż u minflok għamel għażla dwar kredibilità tal-verżjonijiet opposti. L-appellant jikkontendi li l-appellat wera negliġenza fil-mod li huwa eżegwixxa l-manuvra ta' sorpass għaliex bdieha hekk kif ix-xarabank bdiet tiċċaqlaq u daħal quddiemha f'daqqa b'mod angolat lejn ix-xellug, u b'hekk ħabat għal ġo fiha. Jgħid li dan kien fil-fatt jikkonforta l-verżjoni tiegħu, iżda t-Tribunal naqas li jagħti raġuni valida għaliex huwa emmen il-verżjoni tal-appellat. L-appellant imbagħad jirrileva li t-Tribunal kellu jitlaq mill-premessa kif stabbilita fl-insenjament tas-sentenza fl-ismijiet **Gasan**

**Insurance Agency Limited *vs.* Jacqueline Galea**[1], fejn intqal li l-oneru tal-prova tan-negliġenza tas-sewwieq ta' quddiem li b'hekk ikkawża l-inċident, kienet taqa' fuq is-sewwieq tal-vettura li kienet qiegħda tagħmel il-manuvra ta' sorpass. Isostni li r-responsabbiltà ta' dik il-manuvra ta' sorpass kienet tax-xufier stess, li għandu joqgħod lura milli jagħmilha jekk din tkun ser tikkawża jew tista' tikkawża perikolu lill-utenti l-oħra tat-triq. Dan jgħidu filwaqt li jagħmel riferiment għal awturi esteri fil-materja. L-appellant jirrileva li t-Tribunal naqas ukoll milli jagħti piż għall-fatt li l-inċident inkwistjoni seħħ minħabba l-manuvra inkonsulta tal-appellat meta dan daħal fil-karreġġjata tax-xarabank mingħajr ma ħalla biżżejjed bogħod. Huwa jagħmel riferiment għall-artikoli 181 u 183 tal-Kodiċi tat-Triq u għal darb'oħra għal awtur esteru, filwaqt li jsostni li s-sewwieq li jkun qed jagħmel manuvra ta' sorpass għandu jaċċerta li ma jkun hemm l-ebda perikolu għall-vettura l-oħra meta jidħol lura f'postu. Fil-każ odjern ġaladarba l-appellat kien ra x-xarabank tiċċaqlaq mill-mera hekk kif kien ser jidħol fil-karreġġjata tal-lemin, huwa kellu d-dover li ma jwettaqx il-manuvra tiegħu. Il-ħsara fil-kantuniera tal-lemin tax-xarabank kienet turi li l-appellat kien daħal quddiemha b'mod angolat, b'nuqqas ta' kalkolu u ta' attenzjoni min-naħa tiegħu biex iżomm id-distanza neċessarja. Madankollu t-Tribunal naqas milli jieħu inkonsiderazzjoni dawn in-nuqqasijiet mingħajr l-ebda raġuni, iżda minflok qies li l-appellant kien naqas li jżomm *a proper lookout* għal dawk il-vetturi li kienu qegħdin jissorpassawh, meta din ma kienet tirriżulta minn imkien u għall-kuntrarju l-appellant kien ikkonferma li huwa kien żamm *a proper lookout,* u dan il-fatt kif dikjarat ma ġiex ikkontestat. L-appellant jgħid li l-appellat mexa b'non-kuranza meta għażel li jsegwi l-vetturi qablu mingħajr ma jieqaf u jaċċerta

[1] P.A., 21.06.2002.

x'sinjali kellha x-xarabank, u li l-manuvra ta' sorpass setħget issir mingħajr diffikultà. Filwaqt li jiċċita awturi esteri dwar il-materja, l-appellant isostni li kieku żamm a *proper lookout,* kellu jirriżulta lill-appellat li x-xarabank kienet bdiet timxi hekk kif kellha l-*indicator* mixgħul, fatt li ma ġiex kontadett. Iżda fil-każ odjern l-appellat ma kellux il-paċenzja jistenna wara x-xarbabank u jagħmel ċert dak meħtieġ minnu qabel ma jibda l-manuvra ta' sorpass, u saħansitra l-aħħar darba li huwa ħares lejn ix-xarabank kien hekk kif il-vettura ta' quddiemu kienet qiegħda taqla' x-xarabank u huwa kien qiegħed żewġ jew tliet metri 'l bogħod.

10. Il-Qorti tgħid li t-Tribunal iddeċieda sew. Tikkonsidra li quddiemu t-Tribunal kellu żewġ verżjonijiet rispettivi tal-partijiet li jekk mhux kunfliġġenti, ma jistgħux ċertament jittieħdu bħala t-tnejn li huma preċiżi inkwantu jirrigwardaw l-obbligi tagħhom bħala sewwieqa. It-Tribunal għalhekk kellu kull dritt jagħżel liema verżjoni kienet l-aktar waħda konvinċenti u jasal għall-konklużjoni li l-appellant kien *"qabad jimxi mingħajr ma ra jekk kien hemm vetturi ġejjien min warajh jew minn ma' ġenbu li seta' jaħbat magħhom meta jaqla' minn fuq l-istage".* Il-Qorti tikkondividi l-fehma tat-Tribunal u tikkonsidra li anki li kellu jitwemmen l-appellant li huwa ħa l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa qabel ma saq ix-xarabank mill-*bus stop* li kien hemm fl-istess karreġġjata li kien qed isuq fiha l-appellat, huwa ma kienx kawt biżżejjed u ma ħarisx l-obbligi tiegħu bl-attenzjoni sħiħa rikjesta minnu bħala sewwieq li kien qed jagħmel dik il-manuvra. Għalhekk it-Tribunal sewwa sab li l-appellant ma kienx żamm *a proper lookout.*

10. Dan il-Qorti tgħidu wara li hija rat il-filmat esebit fl-atti tal-arbitraġġ, kif qabilha rah it-Tribunal, liema filmat tikkonsidra li ftit jista' jitfa' dawl fuq l-obbligi tas-sewqan li allegatament eżegwixxa l-appellant u għaldaqstaqnt aktar ixaqleb il-miżien tal-probabbiltajiet lejn il-verżjoni tal-appellat. Il-Qorti tikkonsidra li mill-istess filmat ma tistax ma tikkostatax il-fatt li kuntrarjament għal dak li jissuġġerixxi l-appellant, meta x-xarabank bdiet miexja, il-vettura tal-appellat ma setgħetx f'dak il-ħin kienet qiegħda tinstaq wisq bogħod u wara l-istess xarabank minħabba l-fatt li din tfaċċat wisq malajr quddiem ix-xarabank. Għalhekk il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant fix-xhieda tiegħu quddiem it-Tribunal qal li ħares 'il hemm u 'l hawn mingħajr ma osserva l-vettura misjuqa mill-appellat ma' ġenb tax-xarabank. Wara kollox skont dak li qal l-appellant stess fix-xhieda tiegħu, il-passiġġieri tax-xarabank mill-ewwel kif qabad isuq, ġibdulu l-attenzjoni għall-vettura tal-appellat. Il-Qorti tqis li kieku l-appellant uża l-attenzjoni kollha tiegħu, huwa kien ċertament jintebaħ li kien hemm vettura qed tinstaq biswit ix-xarabank, u mill-ewwel jieħu d-deċiżjoni li jħalliha tgħaddi liberament.

11. Hawnhekk huma ferm rilevanti u siewja l-osservazzjonijiet tat-Tribunal dwar il-fatt li l-appellat waqt ix-xhieda tiegħu qal li l-appellant kien skuża ruħ u miegħu u qallu li ma rahx, filwaqt li l-appellant min-naħa tiegħu ma kkontestax din ix-xhieda u saħansitra xehed li ma kienx induna bil-vettura tal-appellat sakemm din ġiet quddiemu.

12. L-appellant isostni li l-appellat wettaq il-manuvra ta' sorpass billi mbagħad daħal f'daqqa quddiem ix-xarabank misjuqa minnu. Imma l-Qorti

tgħid li meta l-appellant kien iddeċieda li jitlaq mill-*bus stop* hekk kif l-appellat kien beda l-manuvra ta' sorpass, huwa biddel għalkollox iċ-ċirkostanzi li fihom l-appellat kien ħa ċertu deċiżjonijiet u prekawzjonijiet sabiex iwettaq dik il-manuvra. L-appellat issa kien affaċċjat b'sitwazzjoni fejn ix-xarabank ma kinitx aktar wieqfa, u huwa għalhekk li fix-xhieda tiegħu jgħid li huwa kien ra mill-mera tal-vettura tiegħu li x-xarabank bdiet miexja hekk kif huwa kien qabad dieħel lura fil-karreġġjata quddiemha. Għandu jingħad li kif jidher ukoll mill-istess filmat, l-appellat daħal fil-karreġġjata quddiem ix-xarabank ftit jew wisq bl-istess mod li kienu daħlu qablu ż-żewġ vetturi l-oħra li kienu qed jinstaqu quddiemu, u dan jista' biss jindika li bl-istess deċiżjoni li ħadu huma ma kellu jkun hemm l-ebda perikolu u ma kellu jseħħ l-ebda inċident. Għalhekk kuntrarjament għal dak li qed jikkontendi l-appellant, il-manuvra li għażel li jagħmel l-appellat bl-ebda mod ma tista' titqies bħala waħda inkonsulta u li ma kinitx waħda tajba.

13. Għalhekk il-Qorti tqis li jekk l-appellant wera l-attenzjoni kollha rikjesta minnu fil-ħin li ddeċieda li jsuq minn fuq il-*bus stop,* kif huwa qed jallega li għamel, kien jiġi evitat l-inċident inkwistjoni jew saħansitra konsegwenzi aktar gravi.

Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx l-aggravji tal-appellant ġustifikati, u tiċħadhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tilqa' t-talbiet tal-appellat, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-appellant u tikkonferma l-lodo arbitrali fl-intier tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri tal-arbitraġġ għandhom jitħallsu skont il-lodo arbitrali, u dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**